2024/1421

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 345/2023

tat-22 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2024/1421]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2776 tat-12 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u informazzjoni rilevanti oħra mit-trasport marittimu [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 21aw (ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32023 R 2776**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2122 tat-12 ta' Ottubru 2023 (ĠU L, 2023/2122, 18.10.2023)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2776 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-22 ta' Diċembru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 335/2023 tat-8 ta' Diċembru 2023 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

[1] ĠU L, 2023/2776, 14.12.2023

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

[2] ĠU L, 2024/1420, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1420/oj.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER